MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Numru. 392/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**versus**

**Dennise (Maria Dennise) Camilleri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Dennise (Maria Dennise) Camilleri ta’ 34 sena bint Iain Gillibrand u Mary nee Farrugia imwielda fil-25 ta’ Settembru 1971 fil-Pieta’ u residenti Flat 9 Blokk D, Triq Wied Babu, Żurrieq ID 4462271 (M)

2. Akkużata talli f’dawn il-Gżejjer ġewwa Sa Ġiljan fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Novembru 2005 f’xi ħin bejn nofs il-lejl u s-siegħa ta’ filgħodu (01.00) ġewwa l-istabbiliment ‘Going Places’ ta’ Triq Ball u kif ukoll ġewwa Triq Ball San Ġiljan u fil-viċinanzi mingħajr il-ħsieb li toqtol jew tqiegħed

il-ħajja fil-perikolu ċar, ikkaġunat ferita ta’ natura gravi fil-ġisem ta’ Tiziano Polidano, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. Il-Qorti ntalbet li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Tiziano Polidano jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħatja b’obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta’ flus li tiġi ffissata mill-Qorti (Artikolu 383 tal-Kap 9).

4. Rat l-atti kollha tla-proċess inkluża l-fedina pernali ta’ l-imputata, iċ-ċertifikat tat-twelid numru 4462 ta’ l-1971, il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrija ta’ l-imputata, iċ-ċertifikat mediku rilaxxjat u ġuramentat minn Dr.Johanna Micallef Ellul, u l-interrogatorju ta’ l-imputata fejn fl-ewwel minuti wieġbet li ma kenitx ħatja iżda wara, fl-istess seduta għall-ħabta ta’ l-10.35 a.m. wieġbet li kienet ħatja.

5. Semgħet ix-xhieda li kienu preżenti bil-ġurament.

Ikkonsidrat
6. Fil-qosor fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Novembru, 2005, l-Ispettur Martin Sammut kien fuq patrol meta induna li kien hemm xi argument bejn xi żgħażagħ. Huwa sab lill-imputata qed tikkustinja ma’ ġuvnott ieħor li kellu d-demm f’wiċċu. L-imputata qalet lill-Ispettur li l-vittma beda jkellimha ħażin u dak il-ħin kienet qabdet it-tazza u xejritha fid-direzzjoni ta’ wiċċu biex jitlaq minn fejn kien.

7. Meta l-Ispettur kellem lill-vittma, dan ammetta li kien daħal fit-toilets tan-nisa, li wara kien inqala’ argument u li hu spiċċa bid-daqqa ta’ tazza f’wiċċu. Huwa ntlab iġib ċertifikat mediku u dan ġiebu kmieni fil-għodu.

**L-Istqarrija ta’ l-imputata**

8. Skond l-istqarrija ta’ l-imputata ta’ l-20 ta’ Novembru 2005, l-imputata kienet fit-toilet tan-nisa meta f’daqqa waħda semgħet tisbit kbir mal-bieb tagħha u l-pum beda

jiċċaqlaq. Xi ħadd kien qed jipprova jiftaħ il-bieb. Il-ħoss kien qawwi u hija beżgħet u baqgħet ġewwa sakemm kien jidher li ma fadal ħadd. Meta ħarġet rat raġel quddiemha u staqsietu x'ġara. Reġgħet staqsietu x'ġara quddiem il-boyfirend tagħha u qalilha 'X'ġara?' u għamel idejh ma' wiċċha. Il-boyfriend tagħha kellu t-tazza f'idu u poġġieha fuq il-magna tas-sigaretti. Dak il-ħin l-imputata tat daqqa lill-vittma bit-tazza. Me kenitx taf jekk it-tazza waddbithiex jew żammithiex f'idha sakemm tat id-daqqa. Kienet taf li laqtitu f'wiċċu u, x'ħin ratu wara, rat xi demm ħiereġ minn wiċċu. L-imputat ma kenitx taf lill-vittma. Lanqas ma kienet taf jekk it-tazza nkisritx. L-imputata qalet li kien jiddispjaċiha għal dak li ġara u li ma kellha ebda intenzjoni li twegga' lill-vittma. Hi kienet imbeżżgħa u kienet għadha mriegħda b'dak li kien ġara fit-toilet.

9. Mix-xhieda ta' Dr.Johanna Micallef Ellul jirriżulta li l-vittma kellu qatgħa fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċu fuq iċ-cheek li kienet xi 1.5 ċentimetru. Il-ferita kient gravi għax kienet fil-wiċċ. Minn dak in-nhar 'l hawn qatt ma reġgħet ratu.

10. Il-vittma, Tiziano Polidano, qal li dak in-nhar ta' l-inċident kellu bżonn jidħol it-toilet u sab li t-toilet ta' l-irġiel kien maħmuġ. Huwa kien daħal fit-toilet tan-nisa u beda jħabbat u ma tkellem ħadd. Meta ħareġ ra lill-imputata u lill-boyfriend tagħha jillitikaw ma' sħabu. L-għarus ta' l-imputata beda jsaqsieh għala kein daħal fit-toilet tan-nisa u għala kien ħabbat bil-qawwi. F'daqqa waħda kien qala' daqqa ta' tazza tal-whiskey u ħarbu jiġru. Id-daqqa kienet tathielu l-imputata u kienet tfarrket ġo wiċċu. Minn dak in-nhar 'l hawn ma kien ġara xejn. Huwa kkonferma li ċ-ċertifikat kien ġabu mill-isptar.

11. Fil-kontro-eżami l-vittma qal li hu kien ħabbat biċ-ċatt u ħabbat fuq it-tliet bibien. Imbagħad ħarġet mara u daħal minn flokha. Huwa nnega li kien dejjaq lill-imputata jew li mexa warajha. Lill-imputata lanqas biss kien jaf wiċċha. Għal mistosija mill-Qorti huwa nnega li kien imbotta lill-imputata minn wiċċha. Kollox kien ġara ħabta u sabta.

12. Mix-xhieda ta' Roderick Tabone jirriżulta li waqt li dan ix-xhud kien ser iniżżel pakkett tas-sigaretti l-imputata qaltlu li l-vittma kien imbuttaha minn wiċċha. L-imputata kienet qaltlu li ttantaha ġot-toilet. Huwa kien ra lit-tfajla xxejjer it-tazza f'wiċċ il-vittma li kien ħareġ warajha mit-toilet. Meta ħarġet mit-toilet kien offenda lill-imputata u din qalet lill-għarus li l-vittma kien qabad u imbuttaha minn wiċċha.

**Konklużjonijiet tal-Qorti**

13. Wara x-xhieda fil-paragrafu li tidher fil-paragrafu 12, l-imputata irreġistrat l-ammissjoni tagħha għall-imputazzjoni dedotta kontriha.

14. Stante din l-ammissjoni ta' l-imputata, l-imputazzjoni ġiet ippruvata skond il-liġi.

15. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 issib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjoni.

16. Hija u tikkonsidra dwar il-piena l-Qorti qieset dan li ġej:

(a) li d-daqqa kienet fil-wiċċ u għall-finijiet tal-liġi, ukoll jekk il-marka tmur, il-ferita hija meqjusa gravi (artikolu 216 tal-Kap 9)

(b) li l-imputat għamlet ammissjoni mal-ewwel;

(ċ) li l-fedina penali tagħha hija netta;

(d) li dawn kienu ċirkostanzi li ġraw ħabta u sabta u f'ħin ta' ftit sekondi. Saru wkoll f'xi ftit saħna tad-demm għalkemm ma tarax li hemm skużanti taħt l-artikolu 227 (ċ), 230(b) u 232 (a) tal-Kap 9 jekk wieħed japplika l-istandard ta' bniedem ta' temperament ordinarju;

<u>(e) qed tqis ukoll li, fuq kollox, l-imputata kienet imwerwra meta semgħet id-daqqiet qawwija fuq il-bieb tat-toilet tan-nisa u ħasset il-pum tal-bieb fejn kienet hi qiegħed jiġi sgassat</u>. Hi kellha kull dritt għall-privatezza

iżda min-naħa l-oħra l-ferita magħmula bit-tazza kienet reazzjoni sproporzjonata, li setgħet ħalliet konsegwenzi koroh u li l-liġi ma tiskużax.

17. Għar-raġunijiet li qed jidhru fis-subparagrafi (b), (ċ), (d) u (e) tal-paragrafu 16, il-Qorti jidhrilha li għandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 u flok il-piena kkontemplata fl-artikolu 216, qed tikkundanna lill-imputata tħallas multa ta’ Lm220 (mitejn u għoxrin lira Maltija) li tista’ titħallas b’rati ta’ Lm20 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ erba’ ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta’ xi pagament, il-bilanċ ikun dovut kollu f’daqqa u jekk ma titħallasx xi parti mill-multa din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull Lm5 mhux imħallsin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------